



Brussell, 10 ta' Diċembru 2022

CM 5802/1/22
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0371(COD)

CODEC
ECOFIN
RELEX
NIS
FIN
COEST
PROCED

KOMUNIKAZZJONI

PROĊEDURA BIL-MIKTUB

Kuntatt: Laurent.Laboure@consilium.europa.eu
codecision.adoption@consilium.europa.eu

Tel./Fax: +32.2.281.7400

Suġġett: Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi strument għall-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna għall-2023 (assistenza makrofinanzjarja +)

Bidu tal-proċedura bil-miktub:

- Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Deċiżjoni li ssir deroga mill-perjodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-UE

= Estensjoni tal-iskadenza sal-10 ta' Diċembru 2022, 14:00, (Fin ta' Brussell)

Wara d-deċiżjoni li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2) ħa fid-9 ta' Diċembru 2022 li tintuża l-proċedura bil-miktub, **id-delegazzjonijiet li għadhom ma bagħtux it-tweġibiet tagħhom huma ġentilment mistiedna jiddikjaraw jekk:**

1. taqblux mal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari dwar l-abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument għall-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna għall-2023 (assistenza makrofinanzjarja +) kif tinsab fid-dokument ST 15727/22 u tad-Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill, kif tinsab fid-dokument ST 15727/22 ADD1 REV1.

Jekk jogħġbokkom wieġbu IVA, LE jew ASTENSJONI.

2. taqblux mad-deroga, abbażi tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, mill-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu, fid-dawl tal-urġenza tal-kwistjoni kif stabbilit fil-preambolu tal-att leġiżlattiv.

Jekk jogħġbokkom wieġbu IVA, LE jew ASTENSJONI.

Kwalunkwe dikjarazzjoni unilaterali għandha ssir fl-istess ħin tat-tweġiba għaż-żewġ mistoqsijiet, għajr dawk li diġà saru fil-Coreper.

It-tweġibiet tad-**delegazzjonijiet li għadhom ma bagħtux it-tweġibiet tagħhom** għaż-żewġ mistoqsijiet iridu jaslu għand is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill bil-posta elettronika lil codecision.adoption@consilium.europa.eu sa mhux aktar tard mis-**Sibt, 10 ta' Diċembru 2022 fis-14:00 (ħin ta' Brussell)**.